**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 6 ta' Lulju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Joseph Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 808457M**

*Kumpilazzjoni Nru. 383/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Zammit u ċioè talli:

Nhar it-12 ta' Ottubru, 2017, u matul ix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Giegħel animal u ċioe' kelb isofri ugigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u kif ukoll talli abbanduna l-imsemmi kelb, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, żamm kelb mingħajr liċenzja u mingħajr ma rreġistra l-istess kelb mad-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji, u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, żamm, ostakola, attakka jew xort'oħra fixkel, jew prova iżżomm, ostakola, attakka jew fixkel lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, kull uffiċjal għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew kull persuna oħra maħtura mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew mid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, jew kull uffiċjal tal-Pulizija ta' Malta, gwardjan lokali jew uffiċjal pubbliku, impjegat jew ħaddiem ta' xi dipartiment tal-Gvern jew ta' xi aġenzija tal-Gvern fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu taħt l-Att 439 tal-Liġijiet ta' Malta jew regolamenti magħmulin taħtu, jew talli naqas milli kagħmel dak li raġjonevolment ġie mitlub minnu li jagħmel jew naqas jew irrifjuta li jagħti xi informazzjoni meħtieġa għall-għanijiet hawn fuq imsemmija, u dan bi ksur tal-Artikolu 44B(5) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija titratta ma' Joseph Zammit li sar reċediv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittvi u ma jistgħux jiġu mibdula, u dan ai termini al Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, tal-fedina penali mtappna tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 8(2) u 44B(5) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, u tar-regolamenti 5 u 11 tar-Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S.437.101), fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-*multa* ta' €2,000.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**